MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 1981/2005/1

**Valcall Limited**

**vs**

**Dr. Tonio Azzopardi u l-P. L. Mario Mifsud Bonnici u r-Registratur tal-Qorti**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Lulju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz prezentat fid-19 ta' Dicembru 2005 li permezz tieghu s-socjeta` attrici wara li ppremettiet li:

- Permezz ta' ittra ufficjali tat-18 ta' Novembru 2005 mibghuta mill-konvenuti Dr Tonio Azzopardi u l-PL Mario Mifsud Bonnici, Valcall Limited giet interpellata thallas is-somma ta' mitejn u tmienja u disghin lira Maltija u tlieta u

disghin centezmu (LM298.93) rapprezentanti d-dritt ta’ l-imsemmija kuraturi fil-kawza Valcall Limited vs Abdurr Eshater et (Cit Nru 406/04) ceduta nhar is-26 ta’ Jannar 2005 u VAT fuq l-istess drittijiet, skond taxxa annessa ma’ l-imsemmija ittra ufficjali mahruga nhar l-14 ta’ Novembru 2005.

- L-attrici qed tikkontendi li din it-taxxa hija rregolari stante li l-kawza giet ceduta qabel ma giet ipprezentata nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk l-ebda dritt m’hu dovut lill-kuraturi.

Talbet li t-Tribunal ihassar u jirrevoka t-taxxa tad-drittijiet ghas-somma ta’ mitejn u tmienja u disghin lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm298.93) fil-kawza Valcall Limited vs Abdurr Ahman Eshater et, citazzjoni numru 406/04, notifikata lill-attrici permezz ta’ ittra ufficjali tat-18 ta’ Novembru 2005.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta ta’ l-Avv Dr Tonio Azzopardi li eccepixxa li:-

- It-talbiet tas-societa` attrici m’humiex gustifikati u qeghdin jigu kkontestati.
- Il-kuraturi pprezentaw in-nota li biha gie radikat id-dritt fis-17 ta’ Dicembru 2004. Il-kawza giet ceduta fis-26 ta’ Jannar 2005. Ghalhekk, id-drittijiet intaxxati huma dovuti.
- Preliminarjament, huwa kellu jigi mharrek bhala kuratur u mhux personalment.

Ra r-risposta tar-Registratur tal-Qorti li permezz taghha eccepixxa li:-

- Dan it-Tribunal m’ghandux gurisdizzjoni sabiex jiehu konjizzjoni ta’ din it-talba stante li tali talba tesorbita mill-gurisdizzjoni ta’ l-istess Tribunal ai termini ta’ l-artikolu 3 tal-Kap. 380.
- It-talba hija nulla u bla effett stante li mhux maghmula skond il-procedura specjali stipulata fl-artikolu 64 tal-Kap. 12 liema procedura hija inderogabbli.
- Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Ra li l-PL Mario Mifsud Bonnici debitament notifikat bl-Avviz ta’ Talba fit-3 ta’ Frar 2006 la deher u lanqas ma pprezentax risposta.

Ra l-verbal ta’ l-udjenza tas-26 ta’ April 2006 meta giet differita ghall-provi tal-partijiet u trattazzjoni dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut ir-Registratur tal-Qorti.

Ra l-verbal ta’ l-udjenza mizmuma fl-1 ta’ Gunju 2006 meta l-partijiet prezenti ddikjaraw li m’ghandhomx provi x’jipproducu dwar dawn iz-zewg eccezzjonijiet.

Sema t-trattazzjoni ta’ Dr Aaron Bugeja, Dr Tonio Azzopardi u Dr Joseph Camilleri.

Ikkunsidra.

Mill-Avviz promotorju m’ghandu jezisti l-ebda dubju li t-talba tas-socjeta` attrici hija wahda ghat-thassir ta’ taxxa mahruga fil-kawza Valcall Ltd vs Abdurr Ahman Eshater li kienet giet deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Jannar 2005.

Il-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi ghall-procedura specjali permezz ta’ liema ghandha tigi attakata taxxa. L-artikolu relattiv huwa l-artikolu 64 li jipprovdi li *l-ispejjes gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-registratur, u t-taxxi maghmulin minnu ma jistghux jigu attakkati wara li jaghlaq xahar. Dik l-azzjoni ghandha tinbeda b’rikors li ghandu jigi trattat sommarjament mill-Qorti …*

Huwa stabbilit fil-gurisprudenza taghna li *l-azzjoni a bazi ta’ l-Artikolu 64 hija separata u independenti mill-proceduri li jkunu gew decizi in kwantu fiha l-Qorti tintalab biex tikkunsidra xi haga li grat wara d-determinazzjoni tal-kontestazzjoni li kellha quddiemha bejn il-kontendenti, f’dan il-kaz l-intaxxar tad-drittijiet u l-ispejjez tal-partijiet u l-hrug tat-taxxa relattiva da parti tar-Registratur*. Dan il-principju gie ribadit mill-Qorti ta’ l-Appell Superjuri fil-kawza Emanuel Buttigieg vs Anthony Gauci (29 ta’ Lulju 2004). F’dawn il-proceduri kwotati l-Qorti ta’ l-Appell giet

mitluba tordna li drittijiet u spejjez li gew intaxxati mir-Registratur f'kawza deciza finalment mill-Qorti ta' l-Appell jigu ntaxxati mill-gdid. Il-Qorti ta' l-Apell b'applikazzjoni tal-principju fuq riprodott iddikjarat ruhha nkompetenti biex tiehu konjizzjoni tat-talba.

Dan jirrifletti principju stabbilit li *la tassazione o liquidazione delle spese giudiziarie e atto del registratore e non della Corte che avesse deciso la causa, ed in conseguenza la domanda per la correzione di una tassa, costituendo una causa di natura civil e giudicabile dalla Prim' Awla* (ref Debono vs Muscat Appell 2 ta' Marzu 1904).

Jidher ghalhekk li l-azzjoni ghat-thassir ta' taxxa hija ndipendenti mill-azzjoni li ghaliha tkun tirreferi t-taxxa u skond l-artikolu 64 fuq kwotat ghandha tigi proposta b'rikors fi zmien xahar li jibda' jiddekorri skond kif predispost f'l-istess dispozizjoni tal-Ligi.

Qabel ma wiehed jista' jikkunsidra kenitx korretta s-socjeta` attrici meta procediet b'avviz minflok rikors ghandu l-ewwel jigi stabbilit jekk tali azzjoni tistax validament tigi proposta quddiem dan it-Tribunal kif distint mill-qrati ordinarji (u cioe dawk elenkati fl-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Kap. 12).

Huwa stabbilit fil-gurisprudenza taghna li dan it-Tribunal huwa twiehed ta' kompetenza limitat ghal talbiet ta' flus. Fil-fatt l-artikolu 3 tal-Kap. 380 jistabilixxi li dan it-Tribunal ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' <u>biss</u> it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn elf u hames mitt lira.

L-azzjoni proposta pero` mhiex talba ta' flus imma talba ghat-thassir ta' taxxa, u ndipendentement mill-valur tat-taxxa u cioe l-ammont li qed jigi kontestat u li minhabba fih qeda tintalab it-thassir tat-taxxa, it-talba attrici tibqa' wahda ghat-thassir ta' taxxa u mhux wahda ghall-hlas ta' xi ammont. Konsegwentement, u in vista ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 380, azzjoni a bazi ta' l-artikolu 64 tal-Kap. 12 ma tistax tigi proposta quddiem dan it-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi fil-waqt li jilqa’ l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut ir-Registratur tal-Qorti, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha kontra s-societa` attrici.”

Is-socjeta` attrici tattakka din is-sentenza bl-argoment propost minnha b’ aggravju illi gjaladarba materja relattiva ghall-impunjattiva ta’ taxxa ta’ l-ispejjez gudizzjarji ma kienetx eskluza mill-isfera ta’ gurisdizzjoni tat-Tribunal adit, allura dak it-Tribunal kien hekk kompetenti jiehu konjizzjoni tat-talba promossa minnha. Hi tikkontendi illi t-Tribunal ma kellux jaghti interpretazzjoni restrittiva tad-disposizzjoni tal-ligi applikabbli ghal dak li jikkoncerna l-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar;

Oltre dan l-aggravju s-socjeta` attrici ssoffermat ukoll fuq il-punt illi l-procedura xelta minnha – dik permezz ta’ avviz invece ta’ rikors – ma kellhiex titqies nulla. Dan ghal motiv illi kif dettat mill-Artikolu 9 (3) tal-Kapitolu 380 it-Tribunal hu fakoltizzat jimxi bl-anqas formalizmu possibbli;

Minn dan premess jidher li z-zewg obbjezzjonijiet tas-socjeta` attrici appellanti ghandhom kollegamenti diversi. L-ewwel obbjezzjoni hi dikjaratament marbuta mal-kompetenza, o meno, tat-Tribunal. Dik tat-tieni hi attinenti ghar-rit li kellu jigi segwit u allura tirrigwarda kwestjoni ta’ inammissibilita`, improcedibilita` u improponibilita` tad-domanda in kwantu proposta b’ rit divers minn dak prevvist bhala mehtieg mil-ligi, ex-Artikolu 64 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili. It-tnejn kienu kontemplati bhala eccezzjonijiet mill-konvenut Registratur tal-Qorti, u, filwaqt li fil-parti decizorja tas-sentenza appellata t-Tribunal iddecieda li jakkoljihom it-tnejn, opportunement ghandu jigi osservat, illi minn imkien fl-istess sentenza ma jirrizulta r-ragonament li fuqu t-Tribunal ibbaza l-konkluzjoni tieghu fl-akkoljiment tat-tieni eccezzjoni. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti thoss li ghandha tillimita l-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-ewwel eccezzjoni, u allura wkoll l-ewwel aggravju kif impustat;

L-Att V ta' l-1995 jenuncja fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 3 tieghu l-principju illi "t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn elf u hames mitt lira Maltija". Jikkonsegwi illi dak li jrid jigi ezaminat huwa jekk it-talba kif dedotta taqax fl-ambitu ta' dik il-gurisdizzjoni li l-legislatur ghogbu jirrizerva lit-Tribunal specjali krejat minnu;

Is-socjeta` appellanti titlaq mill-punt billi fl-ewwel lok taghmel din id-dikotomija interpretativa tat-talba proposta fl-azzjoni taghha. Jekk din tigi rigwardata bhala talba attakkanti l-pretensjoni tal-kuraturi ghall-hlas ta' l-ispejjez gudizzjarji tal-kawza l-ohra ceduta (Cit. 406/04), allura din hija bla dubbju "talba ta' flus" li taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal kemm ghal raguni ta' valur u ta' materja. Jekk, alternattivament, din it-talba titqies bhala wahda ta' ritassa, it-Tribunal adit xorta wahda kien hekk kompetenti kemm fuq konsiderazzjoni ta' valur kif ukoll fuq konsiderazzjoni ta' ekwita` tenut kont tal-valur limitat tat-talba. Dan, apparti, illi skond l-istess socjeta` appellanti t-Tribunal ma kellux jaghti tifsira restrittiva tal-kliem "talba ta' flus". Dejjem skond l-appellanti din l-espressjoni tikkontjeni kuncett wiesgha li jinkludi kwalunkwe talba li tissarraf f' vertenza ta' flus;

Bir-rispett dovut din il-Qorti ma ssibx raguni biex issostni din id-dikotomija fis-sinjifikat tat-talba attrici. Ibda biex l-azzjoni ma gietx diretta biss kontra l-kuraturi imma wkoll di fronte ghar-Registratur tal-Qorti. Fit-tieni lok, it-talba kif dedotta hi ben esplicita u hi wahda tendenti ghat-thassir u revoka tat-taxxa tad-drittijiet tas-somma specifikata. Hi allura azzjoni li mill-istess kontenut taghha u dik tal-partijiet kontradittorji maghzula taghmilha ri-entranti fid-dispost ta' l-Artikolu 64 tal-Kapitolu 12. Jigifieri, manifestament, wahda li ghandha b' oggett l-opposizzjoni u l-impunjattiva tat-taxxa ta' l-ispejjez gudizzjarji;

Dan affermat, jibda biex jigi rilevat in linea generali ghal fini ta’ kompetenza, illi l-impunjattiva ta’ taxxa ta’ l-ispejjez processwali u allura wkoll l-opposizzjoni ghall-esekuzzjoni promossa in virtu ta’ din it-taxxa, jikkostitwixxi rapport distint minn dak li permezz tieghu giet determinata s-sokkombenza tal-parti onerata ghall-hlas. Kif ahjar elucidat fis-sentenza fl-ismijiet “**Raffaele Debono -vs- Ruggiero Muscat *nomine***”, Appell Civili, 2 ta’ Marzu 1904 (**Kollez. Vol. XIX P I p 10**), “*la tassazione o liquidazione delle spese giudiziarie è atto del Registratore e non mai della Corte che avesse deciso la causa cui riguardano – alle Corti appartiene soltanto la cognizione delle controversie relative alle tasse fatte dal Registratore, quando da chi vi ha interesse ne viene impugnata, nella forma specificatamente stabilita dalla legge ... la attendibilita o la correttezza*”. Li jfisser allura illi l-att ta’ impunjattiva mhux bilfors isir quddiem dik l-istess Qorti li tkun emaniet il-kundanna jew fejn l-atti gew ceduti. Anzi, dik l-impunjattiva hi sottoposta ghar-regola komuni tal-kompetenza ghar-raguni ta’ materja jew ta’ valur, indipendentement mic-cirkustanzi tal-kundanna;

Premess dan, il-Qorti trid issa tistharreg jekk it-talba kif dedotta kellhiex tingieb quddiem it-Tribunal maghzul;

Ma jistax ikun hemm dubju illi ghall-individwazzjoni tal-kawzi li skond l-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380 iridu jigu decizi mit-Tribunal principalment skond l-ekwita`, il-materja u l-valur tal-kawza ghal fini tal-kompetenza hu determinat mir-regola dettata bl-Artikolu 3 (2), aktar ‘il fuq riportat. Hu l-hsieb ponderat ta’ din il-Qorti illi minn kif koncepit dan l-Artikolu, u senjatament il-kliem tieghu “t-talbiet kollha ta’ flus”, dan jirreferi limitatament ghal kazijiet ko-involgenti pretensjonijiet kreditorji biss u mhux ukoll il-kontroversji li, ghalkemm bhala valur jistghu talvolta jkunu inferjuri ghas-somma ta’ elf u hames mitt lira, ma jkunux tendenti ghall-affermazzjoni, tal-kreditu pretiz. F’ dan ir-ragonament il-Qorti ssib element ta’ sostenn f’ dak dikjarat fis-subinciz (3) ta’ l-istess Artikolu 3 fejn il-ligi hawnhekk

titkellem dwar talba mill-attur "ghall-hlas" ta' diversi somom. Talba din pozittiva u semplici konducenti ghall-kanonizzazzjoni ta' flus dovuti. Minn dan jidher li r-regolament tal-kompetenza propost mill-Artikolu 3 hu wiehed specjali, specifiku u ristrett biss ghall-kontroversji b' dak id-dispost ikkontemplati. Ma jidherx allura li jistghu jigu attribwiti *ratione materiae* lit-Tribunal il-kontroversji l-ohra li ma kienux fl-intendiment tal-legislatur li jassenja lit-Tribunal. Dejjem fil-hsieb tal-Qorti, in kwantu trattasi ta' tribunal specjali, id-determinazzjoni tas-sinjifikat precettiv kontenut fit-test tal-ligi ghandu jinghata interpretazzjoni stretta u mhux dik ampja kif pretiz mis-socjeta` appellanti. Jekk dan jigi tollerat, ir-riskju jkun li talba li tezula mill-kompetenza tat-tribunal minhabba l-materja tigi ttrattata u definita minn tribunal guridikament inkompetenti, u dan mhux lecitu li jsir;

In raguni ghal dan li ntqal it-talba quddiem it-Tribunal relattiva ghall-impunjattiva tat-taxxa ta' l-ispejjez gudizzjarji ma kellhiex tigi devoluta lilu u t-Tribunal ghamel sewwa li ddeklina l-gurisdizzjoni tieghu dwarha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal li akkolja l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza ghar-raguni tal-materja involuta. L-ispejjez relattivi ta' dan l-appell jitbatew mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------